MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Talba Numru. 475/2004

**Peter u Antonia konjugi Bugeja**
**Vs**
**Richard Attard u Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredi mhux maghrufa tal-mejta Patricia Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz ta’ l-atturi li bih talbu li l-konvenut jigi ddikjarat bhala debitur lejhom fis-somma ta’ erba’ mija u disghin lira Maltin (Lm490), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut lill-atturi wara self *brevi manu*;

Ra r-risposta tal-konvenut Richard Abela li biha eccepixxa illi:

a) l-konvenut Richard Attard mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju;

b) l-atturi ghandhom igibu prova tal-kreditu minnhom vantat;
c) is-self li seta’ sar, jekk sar, sar ma’ martu illum mejta u f’dak il- kaz sar minghajr ma kien jaf il-konvenut u minghajr il-kunsens tieghu;
d) ghalhekk tali att ta’ amministrazzjoni straordinarja ma jaffetwax l-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti peress li sar minghajr il-kunsens tal-konvenut u ad insaputa tieghu;
Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Ra r-risposta ta’ Dr.Renzo Porsella Flores kuratur deputat ghall-eredi tal-mejta Patricia Attard li biha eccepixxa li huwa ma jaf xejn dwar il-fatti tal-kawza u hekk kif l-atturi jghaddulu xi taghrif – maghdud – l-indirizz – tal-familjari ta’ Patricia Attard huwa jaghmel hiltu kollha biex jikkomunika maghhom;

Ra x-xhieda ta’ l-attur Peter Bugeja li jispjega li fit-12 ta’ Marzu, 2003 kienet marret tkellmu Patricia Attard, llum mejta, u kienet marret ghandu biex isellifha l-flus. Ighid li kienet marret ghandu diversi drabi. Kienu ghamlu karta bil-miktub li kienet tiffirma ukoll Patricia Attard peress li hu ma kienx jaf jikteb;

Ighid li kien sellifha sitt mitt lira (Lm600), li minnhom hallset mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) u ghalhekk baqgha jithallas bilanc ta’ erba’ mija u disghin lira Maltin (Lm490);

Jispjega illi l-hlas kellu jkun ta’ mitt lira (Lm100) fix-xahar, izda mbaghad niezlu ghal tnejn u tmenin lira (Lm82). Patricia Attard kienet tigi mat-tifla zghira taghha u kien hemm ukoll Frances Napier meta marret tkellmu;

Ra x-xhieda ta’ Frances Napier li kien ibiegh il-*cane* u kien jaf lil Patricia Attard ghaliex gieli kienet tixtri prodotti minghandu Jispjega illi kienet giet kemm il-darba titolbu li jislifiha xi flus, izda ma kienx ta’ wicc. Kien biss meta darba marret tibki ghandu li kien kellem lil Perter Bugeja, biex forsi kien jsellfilha l-flus;

Kien sellifha darba minnhom elf lira (Lm1000) li minnhom kellha thallas mitt lira (Lm100) fix-xahar. Kien sellifha ukoll sitt mitt lira (Lm600) u kienet saret kitba bejniethom li kienet kitbet Attard stess;

Ix-xhud jikkonferma li kienet dejjem tigi wahedha jew mat-tifla zghira taghha. Ir-ragel taghha qatt ma deher. Hu irrifjuta li jhallas dan id-debitu meta kellmuh. Ighid ukoll li meta kien jitlobha biex taghmel il-pagamenti, hi kienet tghidlu li r-ragel taghha kien jiehu l-flus kollha li kienet taqla' mix-xoghol taghha bhala xufier tal-minibus;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

It-Tribunal josserva li f'dan il-kaz hemm debitu ta' erba' mija u disghin lira Maltin (Lm490) allegatament dovuti mill-konvenuti. L-attur gab prova ta' skrittura li saret bejnu u Patricia Attard, kif ukoll karta fejn kienu jinzammu l-hlasijiet li kienet taghmel Attard;

Il-konvenut Richard Attard, ir-ragel tal-mejta Patricia Attard ighid li mhuwiex il-legittimu kontradittur ghaliex hu ma kienx jaf b'dan is-self u ghalhekk is-self qatt ma sar bil-kunsens tieghu. Jeccepixxi li dan id-debitu billi gie kontratt minn martu ad insaputa tieghu, jammonta ghalhekk ghal att straordinarju, li ma hux responsabbli ghalih;

It-Tribunal josserva li d-difiza tal-konvenut Richard Attard hija wahda attendibbli, minkejja li qatt ma pproduca provi. Is-self, li dan it-Tribunal jemmen li hu wisq probabbli li sehh minghajr ma hu kien konsapevoli, jikkostitwixxi *per se* att straordinarju da parti ta' martu u ghalhekk ma jistax ikun debitu tal-komunjoni tal-akkwisti, izda jibqa' responsabbilita' ta' martu u f'dan il-kaz peress li mejta, jaqa' fuq l-eredi taghha, f'dan il-kaz rappresentati minn kuratur;

Ix-xhieda ta' l-atturi tkompli tissostanzja l-eccezzjonijiet tal-konvenut Richard Attard. Jikkonfermaw illi Attard qatt

ma kien mar ma’ martu ghandhom, u mix-xhieda tal-atturi jirrizulta li meta gie mistoqsi biex ihallas dan id-debitu kkonferma li ma kienx jaf bih. Ix-xhud Napier jikkonferma ukoll li r-ragel qatt ma deher imkien;

Ghalhekk, jekk ma kienx hemm konsapevolezza da parti tal-konvenut Attard, ma jistax ikun hemm interess guridiku fil-konfront l-istess atturi fis-sens li dan l-konvenut mhux legittimu kontradittur taghhom;

L-attur ipprova li saret skrittura minn Patricia Attard, fejn gie miftiehem fuq il-hlas, pero’ rnexxielu jipprova ukoll li dan il-hlas, cioe’ il-bilanc, ma giex saldat;

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tal-eredi tal-mejta Patricia Attard, filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Richard Attard u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes u l-imghax ghall-konvenuti nominee ikkundannati, kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------